IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2024
COM(2024) 89 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-ħżin tal-gass abbażi tar-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 17a tar-Regolament (UE) 2017/1938, kif imdaħħal bl-Artikolu 1(5) tar-Regolament (UE) 2022/1032, minn hawn ’il quddiem ir-“**Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass**”, jiddikjara li l-Kummissjoni trid tippreżenta rapporti annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sabiex kull rapport jikkontribwixxi għat-twessigħ tal-bażi tal-għarfien dwar l-aħjar prattiki għall-mili tas-siti tal-ħżin tal-gass fl-Unjoni.

Il-ħażniet tal-gass taħt l-art (UGS) huma strumentali għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-UE. Dawn jipprovdu flessibbiltà staġunali essenzjali għas-sistema tal-gass tal-UE fix-xitwa. F’perjodi kesħin, il-ħażniet tal-gass jistgħu jkunu s-sors ewlieni tal-provvista tal-gass. Il-ħażniet tal-gass jipprovdu wkoll lis-sistema tal-elettriku b’sors ta’ enerġija konsenjabbli għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. Tipikament, il-ħażniet jipprovdu 25–30 % tal-gass ikkunsmat fl-UE matul ix-xitwa. Barra minn hekk, il-ħażniet tal-gass jippermettu disinn effiċjenti tas-sistema tal-gass tal-UE billi jnaqqsu l-ħtieġa ta’ flussi għoljin ta’ importazzjoni matul ix-xhur tax-xitwa u jipprevjenu infrastruttura ta’ importazzjoni u trażmissjoni ta’ daqs eċċessiv. L-importazzjonijiet tal-gass għalhekk huma pjuttost stabbli matul is-sena b’eċċess ta’ importazzjonijiet injettati matul il-perjodu tas-sajf (April sa Ottubru/Novembru) filwaqt li l-irtirar mill-ħżin jikkomplementa l-importazzjonijiet tal-gass matul il-perjodu tax-xitwa (Ottubru/Novembru sa Marzu). Il-ħażniet tal-gass għalhekk jikkontribwixxu għall-istabbiltà fil-prezzijiet bis-saħħa tal-kapaċitajiet tal-ħżin fit-tul tagħhom, u jikkontribwixxu għall-assorbiment tax-xokkijiet fil-provvista bil-kapaċità sinifikanti tagħhom (1100 TWh jew 100 bcm).

Fl-2021, l-UE esperjenzat perjodu twil ta’ prezzijiet volatili u għoljin tal-enerġija minħabba livelli ta’ mili tal-ħażniet aktar baxxi mis-soltu, fost fatturi oħra. Iż-żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi wara l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna fil-bidu tal-2022 amplifikat l-inċertezzi u enfasizzat il-ħtieġa għal ħażna tal-gass mimlija tajjeb għal xtiewi futuri.

L-emendi introdotti mir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass, jirrikjedu li l-Istati Membri kollha b’kapaċità ta’ ħżin tal-gass jiżguraw li l-ħażniet tal-gass taħt l-art tagħhom jimtlew sa 90 % sal-1 ta’ Novembru ta’ kull sena. L-Istati Membri mingħajr ħażniet tal-gass ukoll jintalbu jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali tal-ħżin billi jiżguraw li 15 % tal-konsum annwali tagħhom jinħażen fi Stati Membri oħra.

Il-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass huma infrastruttura kritika skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2022/2557 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u l-operaturi tas-sistemi tal-ħżin jaqgħu fil-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva.[1] Barra minn hekk, l-Operaturi tas-Sistemi tal-Ħżin (SSOs) kollha fl-UE jridu jgħaddu minn proċess ta’ ċertifikazzjoni sa mhux aktar tard mill-bidu tal-2024, biex jitnaqqsu r-riskji ta’ interferenza esterna negattiva. Is-servizzi tal-Kummissjoni diġà rċevew ċertifikazzjonijiet minn diversi Stati Membri u qed joħorġu l-opinjonijiet relatati. Dan ir-rapport iqis l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass fl-2023 u l-bidu tal-2024 abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri rigward il-miżuri għall-ħżin tal-gass u l-proċeduri ta’ ċertifikazzjoni tagħhom, f’konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (UE) 2017/1938.

[1] Kif definit mid-Direttiva (UE) 2022/2557 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, “infrastruttura kritika” tfisser assi, faċilità, tagħmir, network jew sistema, jew parti minn assi, faċilità, tagħmir, network jew sistema, li huma meħtieġa għall-forniment ta’ servizz essenzjali; skont l-Anness tad-Direttiva, l-operaturi tas-sistema tal-ħżin (SSOs) jaqgħu, barra minn hekk, fil-kamp ta’ applikazzjoni tagħha bħala tipi ta’ entitajiet fis-settur tal-enerġija, fis-subsettur tal-gass.

2. BAŻI ĠURIDIKA U KUNTEST

Fl-1 ta' Novembru 2023, il-ħażniet tal-gass fl-UE kienu mimlija 99,4 % , ferm ogħla mill-mira ta' 90 %. L-Istati Membri kollha laħqu l-miri regolatorji tagħhom[2] individwalment. Fi tmiem l-2023, jiġifieri fil-15 ta' Diċembru 2023, il-ħażniet tal-gass kienu għadhom mimlija 89 %. L-UE daħlet għax-xitwa 2023/2024 ippreparata tajjeb, meta wieħed iqis li l-ħażniet tal-gass jipprovdu 25–30 % tad-domanda għall-gass tal-UE matul ix-xitwa.

L-Artikolu 17a tar-Regolament (UE) 2017/1938, imdaħħal bl-Artikolu 1(5) tar-Regolament dwar il-Ħżin, jiddikjara li l-Kummissjoni trid tippreżenta rapporti annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dawn ir-rapporti jridu jinkludu:

- ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tal-ħżin;
- ħarsa ġenerali lejn iż-żmien meħtieġ għall-proċedura ta' ċertifikazzjoni stabbilita fl-Artikolu 3a tar-Regolament (KE) Nru 715/2009;
- ħarsa ġenerali lejn il-miżuri mitluba mill-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità mat-trajettorji għall-mili u għall-miri tal-mili;
- analiżi tal-effetti potenzjali ta' dan ir-Regolament fuq il-prezzijiet tal-gass u l-iffrankar potenzjali tal-gass fir-rigward tal-Artikolu 6b(4).

Ir-rapport jikkontribwixxi għat-twessigħ tal-bażi tal-għarfien dwar l-aħjar prattiki għall-mili tas-siti tal-ħżin.

3. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-MIŻURI MEĦUDA MILL-ISTATI MEMBRI

L-emendi introdotti mir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass jistipulaw li l-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jilħqu l-miri tal-mili. Dawn għandu jkollhom l-għan li meta possibbli jużaw miżuri bbażati fuq is-suq biex jevitaw tfixkil bla bżonn fis-suq. Madankollu, il-miżuri jistgħu jinkludu miżuri regolatorji, inċentivi finanzjarji jew kumpens lill-parteċipanti fis-suq.

Ir-Regolament dwar il-Ħżin jipprovdi lista illustrattiva u mhux eżawrjenti ta' miżuri u għodod potenzjali. Il-Kummissjoni bagħtet stħarriġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-ħarifa tal-2023, biex tiġbor il-miżuri u l-għodod li użaw biex jiżguraw li s-siti tal-ħżin tagħhom ikunu mimlija. Il-miżuri adottati mill-Istati Membri kienu jinkludu wkoll ftehimiet, Memoranda ta' Qbil (MtQ), jew mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tal-piżijiet iffirmati mill-Istati Membri mingħajr UGS li jinkludu arranġamenti għall-użu tal-faċilitajiet tal-ħżin taħt l-art.

L-Istati Membri bi ħżin tal-gass taħt l-art ikkonfermaw li l-biċċa l-kbira tal-miżuri fis-seħħ fl-2022 komplew fl-2023. Uħud mill-miżuri kienu jeżistu qabel ir-Regolament dwar il-ħżin tal-gass tal-2022, filwaqt li oħrajn ġew stabbiliti wara r-Regolament dwar il-ħżin tal-gass. It-tnaqqis fid-domanda kkontribwixxa għal kundizzjonijiet tas-suq favorevoli matul l-istaġun tal-mili tal-2023, bi prezzijiet tal-gass aktar baxxi meta mqabbla mal-2022 u firxa pożittiva bejn is-sajf u x-xitwa, li ffaċilitat il-mili effettiv tas-siti tal-ħżin f'waqtu mingħajr il-ħtieġa li jiġu infurzati l-miżuri tal-aħħar istanza li ntużaw matul l-istaġun tal-mili fl-2022. L-Istati Membri b'mod ġenerali enfasizzaw ukoll l-importanza li l-miri intermedji tal-mili jkunu flessibbli biex jipprovdu bilanċ bejn li jiżguraw il-fattibbiltà teknika tat-trajettorja u joffru l-flessibbiltà tas-suq lill-utenti tal-ħżin.

Fost l-aktar miżuri komuni implimentati mill-Istati Membri kien hemm:

[2] Ir-Regolament (UE) 2022/1032 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009.

- Volum minimu fil-ħżin tal-gass: l-impożizzjoni ta' obbligu fuq l-SSOs fuq il-livell minimu tal-mili li għandu jinkiseb, f'konformità mal-objettiv nazzjonali;
- Kapaċitajiet tal-offerta: il-ħtieġa li l-SSOs joffru l-kapaċitajiet lill-parteċipanti fis-suq (permezz ta' rkantijiet tal-kapaċità fil-biċċa l-kbira tal-każijiet);
- Ħatra ta' entità ddedikata: il-ħatra ta' entità biex tipprovdi servizz tal-aħħar istanza għall-ħżin;
- Ħżin strateġiku: l-adozzjoni ta' strumenti effettivi għax-xiri u l-ġestjoni ta' stokkijiet strateġiċi minn entitajiet pubbliċi jew privati;
- Kapaċitajiet ipprenotati mhux użati: l-iżgurar li l-kapaċitajiet ipprenotati jintużaw b'mod effettiv billi jiġu applikati mekkaniżmi ta' konġestjoni tużah jew titilfu biex jiġu rilaxxati kapaċitajiet ta' ħżin ipprenotati iżda mhux użati.

Dwar l-implimentazzjoni tal-ħżin tal-gass, fl-opinjoni tagħha dwar il-Prospettiva tal-Provvista għax-xitwa 2023–2024 tal-ENTSOG[3], l-ACER ukoll *"tesprimi sodisfazzjon li l-objettiv tar-rata kollettiva tal-UE tal-mili tal-ħżin ta' 90 % diġà ntlaħaq f'nofs Awwissu, kważi xahrejn qabel l-iskadenza tal-1 ta' Novembru. Meta possibbli, l-NRAs ivverifikaw l-akkuratezza tal-livelli tal-mili tal-ħżin irrapportati fil-Prospettiva tax-Xitwa tal-ENTSOG.*" L-ACER tirrapporta wkoll li *"L-istudju ta' konsulenza tal-ACER li ġie ppubblikat dan l-aħħar "Dwar l-impatt tar-regolamenti tal-UE u nazzjonali dwar il-ħżin tal-gass" juri li l-miżuri implimentati fl-Istati Membri għenu b'mod effettiv biex jintlaħqu l-livelli tal-mili tal-ħżin fil-livell nazzjonali u Ewropew.*

Aktar dettalji dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni ngħataw fit-***Tabella* 1** u l-***Anness.***

Tabella 1 — Miżuri dwar l-implimentazzjoni tal-miri tal-mili mill-Artikolu 6b tar-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass għal kull Stat Membru bi Ħżin tal-Gass taħt l-Art (UGS)

	AT	BE	BG	CZ	DE	DK	ES	FR	HR	HU	IT	LV	NL	PL	PT	RO	SE	SK
Volum minimu fil-ħżin tal-gass	X		X	X			X		T	X					X	X		X
Offerta tal-kapaċitajiet		X				X	X	X							X			
Ibbilanċjar tal-istokk ġestit mit-TSO									X		T							
Obbligi imposti fuq l-entitajiet innominati				X	X	X			X		T			X				
Strumenti kkoordinati																		
Mekkaniżmi volontarji ta' akkwist konġunt																		
Inċentivi finanzjarji għall-parteċipanti fis-suq		X		T		X	X				T		T					
Kapaċitajiet prenotati mhux użati	X	X		X	X		X		X									
Ħżin strateġiku	X		X	X	X	X	X			X	X	X						
Ħatra ta' entità ddedikata					X		X	X	T		X		T				X	
Skont fuq it-tariffi tal-ħżin		X					T											
Infiq kapitali u operazzjonali								X			X							
Oħrajn																		

T tfisser miżura temporanja
Sors: It-tweġibiet tal-Istati Membri għall-istħarriġ tal-KE u r-rapport tal-ACER u l-VIS dwar il-ħżin tal-gass tal-2023


[3] OPINION No 11/2023 OF THE EUROPEAN UNION AGENCY FOR THE COOPERATION OF ENERGY REGULATORS of 14 December 2023 on ENTSOG's Winter Supply Outlook 2023/2024, ACER_Opinion_11-2023_on_ENTSOG_Winter_Supply_Outlook_2023-2024.pdf (europa.eu).

Il-mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet, kif identifikat mill-Artikolu 6*c* tar-Regolament, jipprevedi li l-Istati Membri mingħajr faċilitajiet ta' ħżin fit-territorji tagħhom jaħżnu volumi ta' gass fi Stati Membri oħra li jikkorrispondu għal mill-anqas 15 % tal-konsum annwali tagħhom.


L-istħarriġ tal-Kummissjoni jindika li fl-2023 il-mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet ġie applikat f'mill-anqas tliet Stati Membri mingħajr faċilitajiet għall-ħżin tal-gass. L-Estonja rranġat ix-xiri ta' 1 TWh (30 % tal-konsum annwali) bħala riżerva strateġika nazzjonali li għandha tinħażen fil-Latvja. Il-Litwanja kkonfermat li ħażnet madwar 2,05 TWh maħżuna fil-Latvja, ekwivalenti għall-użu medju tal-5 snin preċedenti. Is-Slovenja kkonfermat ukoll li l-forniturituri tagħha jaħżnu l-gass fuq bażi kummerċjali li jikkorrispondi għal 15 % tal-konsum tal-5 snin preċedenti.

Fi tmiem ix-xitwa 2022–2023, il-ħażniet tal-UE kienu mimlija 56 %. Dan il-livell ogħla mill-medja kien appoġġat b'mod sinifikanti minn tnaqqis fid-domanda għall-gass ta' 18 % li kkontribwixxa għall-kundizzjonijiet favorevoli tas-suq li jiffaċilitaw il-mili mill-ġdid. Fl-2023, inħażnu 505 TWh (madwar 45 bcm) ta' gass bħala riżultat tal-miżuri tal-ħżin. Madwar 60 % tal-gass maħżun matul is-sajf tal-2023 imtela fix-xhur ta' Mejju–Lulju (ara l-Illustrazzjoni 1), probabbilment inċentivat mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-gass fil-bidu tal-istaġun tal-mili. Din l-injezzjoni bikrija kienet deċiżiva biex tintlaħaq il-mira tal-mili ta' 90 % sa nofs Awwissu, aktar minn xahrejn qabel. Sal-1 ta' Novembru 2023, il-ħażniet tal-gass tal-UE kienu 99,4 % mimlija, u l-Istati Membri kollha qabżu l-mira tal-mili ta' 90 % (Illustrazzjoni 2).

Illustrazzjoni 1 — Injezzjonijiet netti fil-ħażniet tal-gass tal-UE skont ix-xahar



Illustrazzjoni 2 — Gass fil-ħażniet taħt l-art tal-UE fis-sena 2022 u s-sena 2023, meta mqabbla mal-medja u mal-firxa preċedenti ta' 6 snin.



4. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PROĊEDURA TA' ĊERTIFIKAZZJONI

Skont l-Artikolu 3a tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, kif imdaħħal mir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull operatur tas-sistema tal-ħżin, inkluż kwalunkwe operatur tas-sistema tal-ħżin ikkontrollat minn operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, ikun iċċertifikat. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni tal-Istati Membri jridu joħorġu abbozz ta' deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni fir-rigward tal-operaturi tas-sistemi tal-ħżin li joperaw faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art b'kapaċità ta' aktar minn 3,5 TWh meta, irrispettivament mill-għadd ta' operaturi tas-sistemi tal-ħżin, il-faċilitajiet totali tal-ħżin kienu mtlew fil-31 ta' Marzu 2021 u fil-31 ta' Marzu 2022 f'livell li, bħala medja, kien anqas minn 30 % tal-kapaċità massima tagħhom sal-1 ta' Frar 2023. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni trid tinnotifika l-abbozz ta' deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni tagħha lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, flimkien mal-informazzjoni kollha rilevanti, sabiex il-Kummissjoni tagħti opinjoni dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni.

Fl-2023, diversi Stati Membri ssottomettew abbozzi ta' deċiżjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-Operaturi tas-Sistemi tal-Ħżin tal-Gass (SSOs) lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni adottat għaxar opinjonijiet ta' ċertifikazzjoni li, wara l-verifika tal-kunfidenzjalità mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, ġew ippubblikati fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-Kummissjoni u fuq is-sit web tad-DĠ ENER . Il-Kummissjoni għadha qed tirċievi abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni u tinsab f'kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri li qed jesperjenzaw dewmien fis-sottomissjoni tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni tinnota li ħafna Stati Membri, b'mod partikolari dawk b'għadd kbir ta' siti, qed jaħdmu b'mod attiv fuq il-proċess ta' ċertifikazzjoni. Huwa

importanti li jsir progress f'waqtu biex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tar-Regolament dwar il-Ħżin u tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-UE.

Tabella 2 — Ħarsa ġenerali lejn il-proċedura ta' ċertifikazzjoni fi tmiem l-2023[4,5]

	Abbozzi ta' ċertifikazzjonijiet innotifikati minn Nru ta' Operaturi (Nru ta' siti)	Abbozzi ta' ċertifikazzjonijiet pendenti Nru ta' Operaturi (Nru ta' siti)	Total Nru ta' Operaturi (Nru ta' siti)[2]
AT	1 (1)	3 (7)	4 (8)
BE	1 (1)		1 (1)
BG		1 (1)	1 (1)
CZ		4 (9)	4 (9)
DE		25 (50)	25 (50)
DK	1 (2)		1 (2)
ES	2 (4)		2 (4)
FR	3 (16)		3 (16)
HR	1 (1)		1 (1)
HU	2 (5)		2 (5)
IT		3 (13)	3 (13)
LV	1 (1)		1 (1)
NL	3 (4)	1 (3)	4 (7)
PL	1 (7)		1 (7)
PT	1 (1)		1 (1)
RO	2 (6)		2 (6)
SE	1(1)		1 (1)
SK	2 (2)		2 (2)
TOTAL	**22(52)**	**37 (83)**	**59 (135)**

Biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ħruġ tal-abbozzi ta' ċertifikazzjonijiet, il-Kummissjoni organizzat sessjonijiet speċjali tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass biex tipprovdi gwida prattika għaċ-ċertifikazzjoni tal-SSOs u s-sidien tal-ħżin. Il-Kummissjoni fakkret li ċ-ċertifikazzjoni għandha tnaqqas ir-riskju għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-livell reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni kollha li jirriżulta, *inter alia*, minn:

a) sjieda, provvista jew relazzjonijiet kummerċjali oħra li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-inċentivi u l-abilità tal-operatur tas-sistema tal-ħżin li jimla l-faċilità tal-ħżin tal-gass taħt l-art;
b) id-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni fir-rigward ta' pajjiż terz li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali, inkluż kwalunkwe ftehim konkluż ma' xi pajjiż terz wieħed jew aktar li l-Unjoni tagħmel parti minnu, u li jindirizza l-kwistjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;
c) id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri kkonċernati fir-rigward ta' pajjiż terz li jirriżultaw minn ftehimiet konklużi mill-Istati Membri kkonċernati ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, sa fejn dawk il-ftehimiet ikunu konformi mad-dritt tal-Unjoni; jew

[4] Iċ-ċertifikazzjonijiet jinħarġu mill-operatur u/jew mis-sit tal-ħżin.
[5] Abbażi tal-iskambju mal-Istati Membri, il-GIE AGSI+ u r-Rapport dwar il-Ħżin tal-Gass ta' ACER u VIS 2023.

d) kwalunkwe fatt u ċirkostanza speċifika oħra tal-każ.

5. KONFORMITÀ MAL-OBJETTIVI TAL-MILI TAL-ĦAŻNIET

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass matul is-snin u biex ikun hemm konformità mal-mira tal-ħżin tal-gass ta' 90 % fl-1 ta' Novembru ta' kull sena, ir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass ta setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi t-trajettorja għall-mili għal kull Stat Membru li għandu faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art mill-2023 u s-snin ta' wara, kif ibbażat fuq l-abbozz tat-trajettorja għall-mili ppreżentat minn kull Stat Membru minn dawn. Fl-2023, skont l-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2017/1938, kif imdaħħal mir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass, l-Istati Membri kollha kkonformaw mal-miri intermedji stabbiliti għall-2023 mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE/2022/2301), adottat fit-23 ta' Novembru 2022. Diversi Stati Membri laħqu 100 % (jew qabżu l-kapaċità ddikjarata tagħhom[6]) qabel l-1 ta' Novembru 2023. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tieħu miżuri fl-2023 biex tiżgura l-konformità mat-trajettorji għall-mili u mal-miri tal-mili.

[6] Il-kapaċità fiżika tal-ħżin ta' xi faċilitajiet tal-ħżin tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, tkun ogħla mill-volum tal-gass operattiv irrapportat mill-operaturi tal-ħżin.

Tabella 3 — Konformità mal-miri tal-mili tar-Regolament dwar il-ħżin għall-2023

	01-Fra-23		01-Mej-23		01-Lul-23		01-Set-23		01-Nov-23	
	Livell ta' mili	Mira tar-Regolament	Livell ta' mili	Mira tar-Regolament	Livell ta' mili	Mira tar-Regolament	Livell ta' mili	Mira tar-Regolament	Livell ta' mili	Mira tar-Regolament
AT	77%	49%	69%	37%	82%	52%	93%	67%	100%	90%
BE	68%	30%	49%	5%	84%	40%	89%	78%	99%	90%
BG	82%	45%	78%	29%	88%	49%	94%	71%	98%	90%
CZ	75%	45%	56%	25%	85%	30%	95%	60%	99%	90%
DE	78%	45%	67%	10%	80%	30%	94%	65%	100%	90%
DK	85%	45%	74%	40%	75%	60%	89%	80%	96%	90%
ES	90%	59%	90%	62%	98%	68%	100%	76%	100%	90%
FR	64%	41%	38%	7%	61%	35%	89%	81%	100%	90%
HR	85%	46%	73%	29%	92%	51%	97%	83%	97%	90%
HU	58%	51%	46%	37%	67%	65%	88%	86%	98%	90%
IT	71%	45%	66%	36%	82%	54%	94%	72%	99%	90%
LV	44%	45%	40%	41%	62%	63%	83%	90%	96%	90%
NL	68%	49%	61%	34%	79%	56%	95%	78%	100%	90%
PL	85%	45%	51%	30%	71%	50%	96%	70%	99%	90%
PT	109%	70%	107%	70%	93%	80%	103%	80%	107%	90%
RO	63%	40%	47%	41%	68%	67%	88%	88%	103%	90%
SE	93%	45%	95%	5%	95%	5%	95%	5%	95%	90%
SK	68%	45%	63%	25%	83%	27%	96%	67%	99%	90%

Sors: il-livelli tal-mili bbażati fuq GIE AGSI+

Fl-20 ta' Novembru 2022, permezz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni[7], il-Kummissjoni stabbiliet il-miri intermedji tal-mili tal-ħażniet tal-gass li l-Istati Membri jridu jissodisfaw fl-2024. Kif previst skont l-Artikolu 6a(7) tar-Regolament (UE) 2017/1938, kif imdaħħal mir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiddefinixxi l-miri intermedji għall-1 ta' Frar, għall-1 ta' Mejju, għall-1 ta' Lulju u għall-1 ta' Settembru 2024 għal dawk l-Istati Membri b'ħażna taħt l-art fit-territorju tagħhom u konnessa maż-żona tas-suq tagħhom. Dawn il-miri kienu bbażati fuq il-proposti li saru mill-Istati Membri, ir-rati tal-mili tal-5 snin preċedenti u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sitwazzjoni ġenerali tas-sigurtà tal-provvista u għandhom l-għan li jiżguraw li l-mira kumplessiva tal-mili tal-ħżin ta' 90 % tintlaħaq sal-1 ta' Novembru 2024.

[7]Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2633.

Tabella 4 — Miri intermedji għall-2024 għall-Istati Membri b'faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art, kif adottati mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2633[8].

Stat Membru	Mira intermedja tal-1 ta' Frar	Mira intermedja tal-1 ta' Mejju	Mira intermedja tal-1 ta' Lulju	Mira intermedja tal-1 ta' Settembru
AT	50%	40%	58%	72%
BE	30%	5%	40%	78%
BG	52%	33%	55%	77%
CZ	40%	25%	30%	60%
DE	45%	10%	30%	65%
DK	45%	40%	60%	80%
ES	59%	60%	66%	80%
FR	41%	11%	39%	81%
HR	46%	29%	51%	83%
HU	51%	37%	65%	86%
IT	45%	36%	54%	72%
LV	45%	41%	63%	90%
NL	43%	30%	50%	68%
PL	50%	35%	60%	80%
PT	70%	70%	80%	80%
RO	40%	41%	65%	85%
SE	59%	30%	61%	79%
SK	45%	20%	27%	67%

6. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT DWAR IL-ĦŻIN TAL-GASS FL-2024

Il-miri intermedji tat-trajettorji għall-mili huma bbażati fuq l-input mill-Istati Membri u valutazzjoni mill-Kummissjoni tas-sitwazzjoni ġenerali tas-sigurtà tal-provvista. It-trajettorji għall-mili tal-Istati Membri proposti għall-2024 kienu simili għat-trajettorji adottati fl-2023. Il-valutazzjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-gass għas-sena tal-gass 2023–2024 (mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-30 ta' Settembru 2024), ibbażata primarjament fuq ir-riżultati tal-Prospettiva tal-Provvista għax-xitwa 2023/24 tal-ENTSOG, tindika li l-miri intermedji kif oriġinarjament proposti mill-Istati Membri jistgħu jkunu jeħtieġu aġġustament 'il fuq jekk il-kundizzjonijiet tal-provvista u d-domanda jinbidlu fir-rigward tas-sena preċedenti. Barra minn hekk, meta segwiet il-parir tal-Membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass biex il-miri intermedji jinżammu allinjati mal-2022–2023 kif propost mill-Istati Membri u jingħata massimu ta' flessibbiltà tas-suq, il-Kummissjoni kienet għamlitha ċara li l-isforzi għat-tnaqqis tad-domanda għandhom ikomplu sabiex jiġi pprovdut l-istess livell ta' sigurtà tal-provvista.


Abbażi ta' analiżi bl-użu tal-prospettiva tal-ENTSOG[9], il-Kummissjoni stmat (ara l-premessa 8 tal-Att ta' Implimentazzjoni ta' Novembru 2023) li l-UE għandha tilħaq mill-anqas 45 % f'Mejju 2024 biex tiffaċilita l-mili mill-ġdid tal-ħażniet fil-każ ta' domanda ogħla u/jew provvista mnaqqsa matul is-sajf tal-2024. Jekk din il-mira ma tintlaħaqx jista' jinħoloq riskju serju li ma tintlaħaqx il-mira ta' ħżin ta' 90 % tal-1 ta' Novembru 2024. Din il-mira intermedja tiżgura l-flessibbiltà meħtieġa biex tintlaħaq il-mira tal-mili ta' 90 % sal-1 ta' Novembru 2024, anke mingħajr provvisti

[8] It-tabella hija soġġetta għall-obbligi *pro rata* ta' kull Stat Membru skont ir-Regolament (UE) 2017/1938, b'mod partikolari l-Artikoli 6a, 6b u 6c tiegħu.

[9] entsog.eu/sites/default/files/2023-10/SO0052-23_Winter Supply Outlook 2023-24 with Summer 2024 Overview.pdf.

Russi matul is-sajf, dment li provvisti oħra jinżammu fil-livelli kurrenti u bi tnaqqis sostnut fid-domanda għall-gass (Illustrazzjoni 3).

Illustrazzjoni 3: L-evoluzzjoni tal-livell ta' mili tal-UGS Ewropea taħt interruzzjoni sħiħa fil-provvista Russa f'xenarju ta' referenza b'potenzjal tal-provvista tal-LNG kif osservat fl-2022–2023 u miri baxxi tal-LNG (tnaqqis ta' 40 %) għal Frar u Mejju, bl-għan li jintlaħaq kollettivament livell ta' mili ta' 45 % f'Mejju.



Sors: Prospettivi tal-ENTSOG għax-Xitwa 2023–2024

Prospettiva tal-Komunità tal-Enerġija

F'konformità mal-iżviluppi fl-UE, il-Komunità tal-Enerġija ttrasponiet ir-Regolament (UE) 2022/1032 dwar il-Ħżin b'ħeffa bħal qatt qabel. Dan jirrikjedi li l-Partijiet Kontraenti jiżguraw li l-ħażna tagħhom timtela sa mill-inqas 90 % tal-kapaċità tagħha sal-1 ta' Novembru. Ir-Regolament jimponi wkoll l-obbligu li l-Partijiet Kontraenti jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi tal-ħżin li jinsabu fit-territorji tagħhom ikunu ċċertifikati.

Skont ir-rapport mis-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Ħżin, tal-1 ta' Ġunju 2023, is-Serbja u l-Ukrajna li huma Partijiet Kontraenti b'faċilitajiet għall-ħżin tal-gass, laħqu l-miri li jinkludu l-miri intermedji. Ir-Rapport jitlob lill-Partijiet Kontraenti mingħajr ħażniet biex jagħmlu sforzi addizzjonali biex jimplimentaw l-obbligi tal-ħżin u jużaw l-istrumenti disponibbli fis-seħħ, bħal jiffirmaw Ftehimiet dwar il-Kondiviżjoni tal-Piżijiet u jiżguraw li jkollhom kapaċitajiet ta' ħżin għal parti mid-domanda annwali tagħhom (mill-anqas 15 %) fil-pajjiżi ġirien.

L-Ukrajna ttrasponiet il-maġġoranza tar-rekwiżiti mir-Regolament (UE) 2022/1032, issodisfat l-obbligi li jikkonċernaw l-operatur tas-sistema tal-ħżin u l-livelli tat-trajettorja tal-gass fil-ħażniet. Fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-SSOs fil-Komunità tal-Enerġija, l-Ukrajna u s-Serbja biss għandhom il-kapaċitajiet tal-ħżin. Fl-Ukrajna, l-Ukrtransgaz ġie ċċertifikat f'April 2023 u s-Serbja għadha ma ttrasponietx ir-Regolament bħala l-bażi ġuridika għaċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, l-operaturi tas-sistemi ta' ħżin u trażmissjoni tal-Ukrajna wettqu test tal-istress fuq il-ħżin, ibbażat fuq sett ta' xenarji magħżula bil-għan li jiġi identifikat jekk il-gass maħżun minn kummerċjanti barranin taħt reġim doganali ta' maħżen jistax jiġi evakwat lis-sidien fi kriżi.
Fit-13 ta' Novembru 2023, is-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija adotta trajettorji komprensivi għall-mili tal-ħażniet għall-2024.

7. ANALIŻI TAL-EFFETTI POTENZJALI FUQ IL-PREZZIJIET TAL-GASS

Il-ħażniet huma kruċjali biex tittaffa t-tensjoni fis-swieq peress li jistgħu jipprovdu kwantitajiet kbar lis-suq meta l-provvista tkun stretta, u għalhekk itaffu l-varjazzjonijiet u ż-żidiet f'daqqa fil-prezzijiet.

Id-domanda għall-gass għandha t-tendenza li tkun inelastika fil-prezz fuq żmien qasir. Konsegwentement, is-sitwazzjoni stretta tas-suq minħabba l-iskarsezza tal-provvista tista' tissarraf malajr f'żidiet sinifikanti fil-prezzijiet. F'dan il-kuntest, id-disponibbiltà tas-sorsi tal-flessibbiltà, bħall-ħżin, hija ta' importanza kbira biex tiżdied il-provvista disponibbli għal żmien qasir u jiġi ppreservat il-bilanċ bejn id-domanda u l-provvista fis-sistema.

Ir-rwol tal-ħżin biex tittaffa l-pressjoni tal-prezzijiet huwa rikonoxxut b'mod wiesa' fl-industrija u fil-letteratura ekonomika.

Pereżempju, l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija nnotat fir-Rapport tat-Terminu Medju dwar il-Gass 2023 li l-livell għoli tal-ħżin, flimkien mad-domanda mrażżna, "*għafsu fuq il-prezzijiet spot tal-gass fl-Ewropa"* fit-tielet trimestru tal-2023. Bl-istess mod, fir-rapport tagħha ta' Ġunju 2023, l-ACER indikat li "*il-livelli tal-mili tal-ħażniet huma ferm ogħla mill-medja tas-snin li għaddew u taw sehemhom għat-tnaqqis fil-prezzijiet*."


Diversi artikoli ekonomiċi vvalutaw l-impatt tal-ħżin tal-gass fuq il-prezzijiet. Pereżempju, Brown u Yücel (What Drives Natural Gas Prices, 2008) eżaminaw id-*data* tal-gass tal-Istati Uniti bejn l-1997 u l-2007 u sabu li l-ħżin ogħla min-norma staġunali jnaqqas il-prezzijiet tal-gass naturali. Hulshof et al. (2015)[10] analizzaw il-prezz spot ta' jum bil-quddiem tat-TTF matul il-perjodu 2011–2014 u sabu wkoll li meta l-grad tal-mili tal-faċilitajiet tal-ħżin ikun taħt il-medja, il-prezzijiet spot għandhom it-tendenza li jkunu ogħla. Obadi u Korcek (2020)[11] eżaminaw ukoll il-prezzijiet tat-TTF bejn l-2016 u l-2019 u kkonkludew li l-livelli tal-ħżin taħt il-medja storika jirriżultaw fi swieq aktar stretti li inevitabbilment iwasslu għal pressjoni li tgħolli l-prezzijiet.

Kif jidher fil-graff ta' hawn taħt, il-prezzijiet tal-gass bl-ingrossa varjaw bejn EUR 30 u EUR 50/MWh f'dawn l-aħħar xhur. Filwaqt li għadhom ogħla b'mod sinifikanti minn qabel il-kriżi, il-prezzijiet naqsu b'mod konsiderevoli mill-ogħla livell tal-kriżi fis-sajf tal-2022 meta l-prezzijiet laħqu livelli bla preċedent ta' aktar minn EUR 300/MWh.

[10] What Drives Natural Gas Prices? fuq il-JSTOR.
[11] EconPapers: Examining the Drivers of Natural Gas Price in Europe - Focus on the Role of Speculators (repec.org).

L-Istati Membri u l-Kummissjoni implimentaw pakkett komprensiv ta' miżuri li flimkien ikkontribwew biex itejbu s-sitwazzjoni tas-suq u għenu biex tittaffa l-pressjoni fuq il-prezz. L-impenn li jinħażnu volumi minimi ta' gass qabel ix-xitwa, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2022/1032 kellu rwol importanti f'dan is-sett ta' inizjattivi u l-livell għoli ħafna ta' mili tal-ħażniet li kien osservat mill-aħħar tal-Ħarifa 2022 kien fattur determinanti ewlieni (filwaqt li mhux l-uniku) fit-tnaqqis tat-tensjoni tas-suq u fit-tnaqqis tal-prezzijiet tal-gass.

Illustrazzjoni 4 — Prezzijiet xahar bil-quddiem tat-TTF — Jannar 2021 – Settembru 2023



Sors: ENER ibbażat fuq id-data ta' S&P Global

8. KONKLUŻJONI

Fl-2023, l-objettivi kollha stabbiliti mir-Regolament dwar il-Ħżin intlaħqu jew inqabżu. Il-mira tal-ħżin ta' 90 % intlaħqet sa nofs Awwissu, u fl-1 ta' Novembru ġew irrapportati livelli ta' ħżin tal-gass ogħla minn 99 %. Fi tmiem l-2023, il-livell medju kien għadu qrib il-livelli għoljin rekord, 'il fuq minn 85 %[12]. Il-miżuri implimentati mill-Istati Membri, appoġġati mit-tnaqqis fid-domanda għall-gass, kemm f'termini ta' livell kif ukoll f'termini ta' żmien, kienu effiċjenti għall-parteċipanti fis-suq biex iżommu l-livelli tal-ħżin f'livell adegwat matul l-2023 u jissodisfaw il-mira tal-ħżin. L-ilħuq tal-objettivi qabel l-iskeda regolatorja saħansitra ppermetta li jiġu injettati 2,5 bcm addizzjonali fil-ħażniet tal-Ukrajna matul is-sajf li saħħu b'mod reċiproku s-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-UE u tal-Ukrajna.

Il-mekkaniżmu tal-miri intermedji minimi jħalli biżżejjed lok li l-Istati Membri jistabbilixxu l-miżuri u l-iskedi tagħhom stess. Il-kisba tal-objettivi stabbiliti mir-Regolament dwar il-ħżin għenet ħafna biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista fix-xitwa 2023/24, li min-naħa tagħha naqqset il-primjum tar-riskju fis-suq tal-gass fl-aħħar tas-sena.

Bl-obbligu li jiġi ċċertifikat il-ħżin tal-gass, ir-Regolament dwar il-Ħżin għandu l-għan li jevita kwalunkwe influwenza detrimentali ta' pajjiżi mhux tal-UE fuq il-mili tas-siti tal-ħżin. Għadd

[12] 86,40 % fil-livell tal-UE minn Gas Infrastructure Europe - AGSI (gie.eu).

sostanzjali ta' operaturi u siti tal-ħżin għamlu avvanz kbir fil-proċess ta' ċertifikazzjoni. Il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt mal-Istati Membri li għad iridu jissottomettu l-abbozzi tad-deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni. Filwaqt li għadd ta' ċertifikazzjonijiet għadhom pendenti, bħalissa ma hemm l-ebda evidenza disponibbli li s-sjieda tal-ħżin jew l-operaturi tal-ħżin jistgħu jpoġġu s-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-UE f'riskju immedjat.

Huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-livelli tal-ħżin kellhom effett pożittiv fir-rigward tal-prezzijiet tal-gass għalkemm huwa diffiċli li jiġi vvalutat b'mod preċiż kemm. It-trajettorji u l-miri stabbiliti mir-Regolament għalhekk ikkontribwew biex tittaffa l-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-gass billi stabbilew livelli minimi ta' ħżin li fil-biċċa l-kbira tagħhom inqabżu fl-2023. Il-volatilità tas-suq tal-gass u l-prezzijiet tal-gass kienu ferm aktar baxxi fl-2023, meta mqabbla mal-2022. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jitqiesu l-effetti tal-ħżin flimkien mat-tnaqqis fid-domanda. It-tnaqqis fid-domanda se jkompli jkun fattur kruċjali biex jinkiseb livell suffiċjenti ta' mili tal-ħażniet, li huwa parti mill-istess arkitettura tas-sigurtà tal-provvista bħall-miżuri min-naħa tad-domanda.

ANNESS — Tabella dettaljata tal-miżuri implimentati għal kull Stat Membru li għandu l-UGS

Miżura (kif issuġġerit f'6b tar-Regolament)	Stat Membru	Deskrizzjoni
Volum minimu fil-ħżin tal-gass	AT	Il-forniturі tal-gass ta' klijenti protetti huma meħtieġa jissodisfaw l-Istandard tal-Provvista (l-Artikolu 6 tar-Regolament SoS)
	BG	Il-parteċipanti fis-suq bi klijenti b'konsum irregolari huma obbligati jżommu riżerva strateġika relatata mas-sigurtà tal-provvista u l-fluttwazzjoni staġunali
	CZ	Il-kummerċjanti tal-gass li jfornu l-gass direttament huma obbligati jżommu stokkijiet tal-gass li jikkorrispondu għal 30 jum fejn id-domanda għall-gass tkun eċċezzjonalment għolja
	ES	Il-forniturі huma obbligati jżommu stokkijiet tal-gass li jikkorrispondu għal 27,5 jum tal-konsum tagħhom fis-sena ta' qabel
	HU	Il-forniturі universali tal-gass huma obbligati jżommu stokkijiet ta' sigurtà bbażati fuq l-ogħla konsum tax-xitwa tal-aħħar 120 xahar
	PT	Il-parteċipanti fis-suq huma obbligati jżommu riżervi ta' sigurtà u riżervi addizzjonali
	RO	Il-forniturі tal-gass u l-produtturi tas-sħana huma obbligati jistabbilixxu u jżommu stokkijiet tal-gass sal-aħħar ta' Ottubru ta' kull sena
	SK	Volumi siguri tal-gass biex jiġi ssodisfat l-istandard tal-provvista. Il-Ministeru jiddeċiedi jekk dawn il-volumi jridux jinħażnu jew jiġu assigurati b'mod kuntrattwali
2.Offerta tal-kapaċitajiet	BE	L-SSOs għandhom joffru l-kapaċitajiet lill-parteċipanti fis-suq permezz ta' rkantijiet
	DK	Il-kapaċitajiet jiġu offruti permezz ta' rkantijiet*
	ES	L-obbligu tal-kapaċità huwa assenjat direttament, u l-bqija jiġi rkantat
	FR	Id-detenturi tal-ħżin għandhom l-obbligu li jaħżnu 85 % tal-kapaċità prenotata sal-1 ta' Novembru ta' kull sena
	IT	Żieda fl-għadd ta' rkantijiet għal prodotti tal-kapaċità tal-ħżin ta' kull xahar.
	PT	Il-parteċipanti fis-suq għandhom jirriżervaw il-kapaċità esklussivament għar-riżervi ta' sigurtà u r-riżervi addizzjonali
3.1. Ibbilanċjar tal-istokk ġestit mit-TSO	IT	Akkwist tal-gass u injezzjoni għat-tħaddim tat-trażmissjoni u tal-ħżin
3.2. Obbligi imposti fuq l-entitajiet innominati	CZ	L-utenti tal-ħżin huma obbligati jaħżnu gass suffiċjenti f'konformità mat-trajettorji għall-mili
	DE	Obbligi li t-THE twettaq offerti għall-opzjonijiet tal-ħżin
	DK	L-Energinet hija responsabbli għall-akkwist tar-rekwiżiti tal-mili u għall-ħżin ta' emerġenza
	IT	F'każ ta' livell ta' kriżi attivat biss
	PL	Il-forniturі tal-gass u l-konsumaturi finali li jimportaw il-gass iridu jżommu stokkijiet obbligatorji ta' gass li jkopru 30 jum ta' importazzjonijiet
4.Strumenti kkoordinati		
5.Mekkaniżmi volontarji ta' akkwist konġunt		

6.Inċentivi finanzjarji għall-parteċipanti fis-suq	BE	Il-parteċipanti fis-suq jingħataw inċentivi biex jimlew il-gass fil-ħażniet*
	CZ	Inċentivi finanzjarji pprovduti lis-CEZ għat-twassil tal-gass mit-terminal Olandiż tal-LNG ta' Eemshaven lill-VTP Ċek (3 bcm/sena)
	DK	Il-parteċipanti fis-suq jingħataw inċentivi biex jimlew il-gass fil-ħażniet*
	ES	Il-kostijiet tal-maniġer tekniku jiġu rkuprati mill-baġit tal-Istat u mill-parteċipanti fis-suq
	IT	Kuntratti għad-differenzi. Għoti ta' primjum għall-istokk. Penali għal stokkijiet taħt il-livell assenjat mill-operatur tal-ħżin.*
	NL	L-iskema tas-sussidji estiża għall-2023–2024 (tip ta' assigurazzjoni f'każ li l-kundizzjonijiet tas-suq ma jkunux favorevoli matul l-istaġun tal-mili). Il-UGS Bergermeer ma huwiex inkluż.
7. Kapaċitajiet prenotati mhux użati	AT	Id-detenturi tal-kapaċità jkunu meħtieġa jużaw jew jirrilaxxaw il-kapaċitajiet prenotati mhux użati
	BE	Miżura approvata mill-NRA (tużah jew titilfu)
	CZ	Ir-rilaxx tal-kapaċità prenotata lura fis-suq jekk din ma tintużax biżżejjed minn utent tal-ħżin
	DE	L-SSOs jirrilaxxaw lit-THE il-kapaċità prenotata iżda mhux użata
	ES	Mekkaniżmu ta' sottoskrizzjoni żejda u xiri lura
	HR	Ċessjoni awtomatika tal-kapaċità mhux użata lil kumpaniji oħra tal-ħżin, jew lill-kumpanija tal-enerġija tal-Istat HEP*
8.Ħżin strateġiku	AT	20 TWh ta' riżervi strateġiċi tal-gass maħsuba għall-finijiet ta' sigurtà tal-provvista biss
	BG	Bulgartransgaz huwa obbligat iżomm sa massimu ta' 70 mcm relatat mas-sigurtà tal-provvisti
	CZ	L-ASMR għandha żżomm stokkijiet tal-gass li għandhom jintużaw f'każ ta' kriżi
	DE	Parti mill-opzjonijiet tal-ħżin huma offruti mit-THE u maħżuna b'opzjoni ta' rtirar
	DK	It-TSO tal-Istat għandu stokkijiet strateġiċi*
	ES	Stokkijiet tal-gass tal-20 jum mis-27,5 li huma l-obbligu minimu
	HU	Żamma ta' żewġ riżervi tal-gass distinti: l-istokkijiet ta' sigurtà tal-gass naturali u l-istokkijiet speċjali tal-gass naturali
	IT	Riżervi strateġiċi ta' 49,3 TWh (4,62 bcm) li jistgħu jiġu rtirati biss f'każ ta' emerġenza
	LV	Riżerva strateġika għall-2023 definita fil-Liġi: 1,8–2,2 TWh
9.Ħatra ta' entità ddedikata	ES	Il-maniġer tas-sistema teknika (Enagás GTS) għandu jkopri l-obbligi tal-istokkijiet tal-gass
	DE	THE għandha tixtri u tinjetta l-gass tagħha stess biex tilħaq il-miri tal-mili
	IT	Snam u GSE huma inkarigati biex jiżguraw li jkun hemm biżżejjed gass maħżun matul il-perjodu tax-xitwa
	FR	L-SSOs huma responsabbli biex jimlew id-distakk biex jintlaħqu l-miri tal-mili, fuq talba tal-gvern
	NL	Ħatra ta' parti nominata biex timla sa 20 TWh ta' UGS Bergermeer (ħżin attwali ta' 14,1 TWh)
	SE	Swedegas hija responsabbli biex tiżgura li jintlaħqu l-miri tal-mili
10. Skontijiet fuq it-tariffi tal-ħżin	BE	L-offerta tal-kapaċità bi prezzijiet ta' riżerva bi skont meta mqabbla mat-tariffa regolata

	ES	Skontijiet offruti għall-parteċipanti fis-suq li jissodisfaw l-obbligu tagħhom għall-istokks minimi u għall-utenti tal-ħżin li akkwistaw il-kapaċità permezz ta' rkantijiet u mlew 90 % tal-kapaċità prenotata tagħhom fl-1 ta' Novembru
11. Nefqa kapitali u operazzjonali	BE	Soluzzjoni tal-aħħar istanza*
	IT	Fis-seħħ jekk xi kost jibqa' mhux kopert. Inkella, is-sistema tnaqqas l-iskema tat-tariffi fuq il-klijenti finali li jużaw l-extras mid-dħul mill-irkant tal-ħżin.

*Miżura miġbura mill-Kummissjoni li ma hijiex parti mir-rapport tal-ACER dwar il-ħżin tal-gass tal-2023

Sors: It-tweġibiet tal-Istati Membri għall-istħarriġ tal-KE u r-rapport tal-ACER dwar il-ħżin tal-gass tal-2023.